Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,295, 4 ta' Ottubru, 2002
Taqsima B

A.L. 286 ta' l-2002

ATT TÀ L-2002 DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (ATT NRU. XIV TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Ikel Iffriżat Malajr

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-2002 dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, għamel dawn ir-Regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Ikel Iffriżat Malajr, u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Novembru, 2002.

Skop u applikabilità.

2. Dawn ir-Regolamenti għandhom ikunu japplikaw għall-ikel kollu maħsub għall-konsum tal-bniedem li jkun manifatturat u ppreżentat għall-bejgħ bħala ikel iffriżat malajr kif imfisser fir-Regolament 3 ta' dawn ir-Regolamenti.

Tifsir.

3. F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att ta' l-2002 dwar is-Sigurta` fl-Ikel;

"armarju għall-wiri ta' prodotti bl-imnut" tfisser kull armarju mnejn jiġi offrut għall-bejgħ prodott ta' l-ikel iffriżat malajr;

"ħżin" tinkludi li żżomm fi mħażen;

"ikel iffriżat malajr" tfisser ikel li:

(a) jkun għadda minn proċess ta' ffriżar magħruf bħala 'ffriżar ta' malajr' li permezz tiegħu ż-żona ta' l-ogħla kristallizzazzjoni tiġi sorpassata kemm jista' jkun malajr, skond ma jiddependi mit-tip ta' prodott, u t-temperatura tal-prodott li tirriżulta, wara stabbilizzazzjoni termali, kontinwament tinżamm f'livell ta'–18°C jew aktar baxxa,

(b) (i) jkun mmarkat b'tali mod li jiġi indikat, skond dawn ir-Regolamenti, li jkollu din il-karatteristika, u

(ii) li jkollu tikketta għall-fini tal-bejgħ li tindika li jkun għadda minn dak il-proċess;

imma ma għandhomx jinkludu ġelati jew xi silġ ieħor li jittiekel;

"konsumatur" għandha l-istess tifsira bħalma għandha fl-Att;

"negozju fl-ikel" għandha l-istess tifsira bħalma għandha fl-Att;

"sorveljanza" fil-kuntest ta' temperaturi ta' l-arja, hi l-azzjoni li ssir bi strument addattat li jqis it-temperaturi ta' l-arja u liema strument imbagħad jirreġistra, sew kontinwament jew f'intervalli frekwenti u Regolari, il-qisien li jkunu ttieħdu;

"uffiċjal awtorizzat" għandha l-istess tifsira bħalma għandha fl-Att.

Manifattura ta' ikel iffriżat malajr.

4. Il-manifattura ta' ikel iffriżat malajr għandha ssir:

(a) ġo xi fond fejn jiġi manifatturat ikel iffriżat malajr li jkun irreġistrat skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att;

(b) billi tintuża biss materja prima li tista' tinbiegħ għall-konsum tal-bniedem skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att;

(ċ) b'ħeffa biżżejjed u billi jintuża dak it-tagħmir sabiex titnaqqas kull bidla kimika, biokimika jew mikrobijoloġika għall-materja prima li tittiekel li jkun hemm f'dan l-ikel;

(d) billi jiġu użati biss l-arja, n-nitroġenu jew id-dijossidu karboniku bħala l-mezz krijoġeniku li jiġi f'kuntatt dirett ma' l-ikel jew xi materja prima li jkun jinsab f'dan l-ikel,

(e) b'tali mod li, wara l-istabbilizzazzjoni termali, l-iffriżar ta' malajr ta' l-ikel jew xi materja prima li jkun hemm fl-ikel jirriżulta f'temperatura ta' dak l-ikel ta'–18°C jew aktar kiesħa.

Ħżin ta' ikel iffriżat malajr.

5. Wara l-manifattura ta' ikel iffriżat malajr u l-istabbilizzazzjoni termali ta' dak l-ikel, l-ikel iffriżat malajr għandu f'kull waqt jinħażen f'temperatura li ma tkunx iżjed sħuna minn –18°C.

Iżda ikel iffriżat malajr jista' jinħażen filwaqt li jkun qiegħed jingarr jew jiġi esibit f'temperatura differenti imma dejjem skond dawn ir-Regolamenti.

Trasport ta' ikel iffriżat malajr.

6. (1) It-trasport ta' ikel iffriżat malajr għandu jsir billi jintużaw biss dawk il-mezzi ta' trasport li jkunu irreġistrati għal dak l-għan skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-Regolamenti.

(2) Il-ħżin ta' ikel iffriżat malajr li jkun qiegħed jingarr jista' jsir f'temperatura li tkun iżjed sħuna minn –18°C imma mhux iżjed sħuna minn –15°C:

Iżda l-ħżin ta' ikel iffriżat malajr f'dawn it-temperaturi għandu jkun biss għal perjodi qosra għall-fini tat-trasport u kollox isir b'mod għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa.

Bejgħ ta' ikel iffriżat malajr.

7. (1) Il-ħżin ta' ikel iffriżat malajr għandu jsir biss ġo postijiet li jkunu irreġistrati għal dak l-għan skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-Regolamenti.

(2) Il-ħżin ta' ikel iffriżat malajr li jinżamm f'armarju għall-wiri ta' prodotti bl-imnut jista' jsir f'temperatura iżjed sħuna minn –18°C imma mhux iżjed sħuna minn –12°C u dan għandu jsegwi proċeduri ta' xogħol li jiżguraw li l-ħżin ta' l-ikel għall-bejħ ikun xieraq u għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa:

Iżda għal dak l-għan, il-konformità ma' kull gwida ppubblikata, approvata jew rikonoxxuta mill-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel skond il-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, għandha titqies, daqstant kemm ikun provdut fil-gwida, bħala li tikkostitwixxi metodi ta' tħaddim adatti għall-ħżin ta' l-ikel iffriżat malajr li huma għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa.

(3) Ikel iffriżat malajr jista' biss jiġi ppreżentat għall-bejgħ u jinbiegħ lill-konsumatur biss jekk ikollu l-ippakkjar u t-tikkettjar oriġnali u li jkunu skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' kull disposizzjoni oħra f'Regolamenti dwar l-ittikkettjar maħruġin taħt l-Att u skond dawn ir-Regolamenti.

Iżda ikel iffriżat malajr jista' jinbiegħ lil konsumatur biss jekk ikollu tikketta skond il-paragrafi (2), (3), (4a), (4b), (4ċ), (4d), (4e), u (4ġ) tar-Regolament 9 ta' dawn ir-Regolamenti.

Iżda wkoll, ikel iffriżat malajr jista' jinbiegħ lil kull persuna oħra biss jekk ikollu tikketta skond il-paragrafi (2), (3), (4e), (4f), u (4ġ) tar-Regolament 9 ta' dawn ir-Regolamenti.

Ippakkjar.

8. Ikel li jkun ġie manifatturat taħt il-kondizzjonijiet preskritti bir-regolament 4 ta' dawn ir-Regolamenti għandu jkun ippakkjat mill-manifattur tiegħu jew min jippakkjah f'ippakkjar li jkun adatt biex jipproteġih minn kull kontaminazzjoni ġejja minn mikrobi jew minn fatturi esterni, u kontra d-deidrazzjoni.

Iżda dak l-ippakkjar għandu jsir skond metodi li jkunu għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa.

Iżda wkoll għal dak l-għan, il-konformità ma' kull gwida ppubblikata, approvata jew rikonoxxuta mill-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel skond il-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, għandha titqies, daqstant kemm ikun provdut fil-gwida, bħala li tikkostitwixxi metodi jew *standards* għall-ippakkjar ta' l-ikel iffriżat malajr li huma għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa.

Ittikkettjar.

9. (1) L-ikel iffriżat malajr għandu jkollu biss tikketta skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' kull regolamenti oħra maħruġa taħt l-Att u skond dawn ir-Regolamenti.

(2) Id-deskrizzjoni dwar kull ikel bħala iffriżat malajr ma tistax tiġi wżata fl-ittikketjar ta' xi ikel ħlief ikel iffriżat malajr li hu manifatturat skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-Regolamenti.

(3) Fejn kwalinkwa ikel hu manuffaturat barra minn Malta, id-diskrizzjonijiet tas-subregolament (2) jew deskrizzjoni oħra li hi ekwivalenti, tistgħa tintuża' biss għal ikel li hu manufatturat bl-istess mod skond kif inhu provddut f'regolament 4 ta' dawn ir-Regolamenti:

Iżda dan l-ikel ma jistgħax jiġi offrut għall-bejħ f'Malta bħala ikel iffriżat malajr jekk fuq it-tikketta ma jinstabx miktub il-kliem "iffriżat malajr", "quick-frozen" jew"surgelato".

Iżda wkoll li din il- disposizzjoni ma tapplikax għal ikel li mhux offrut għal bejħ f'Malta bħala ikel iffriżat malajr.

(4) Ikel iffriżat malajr għandu jkun ittikkettjat fuq l-ippakkjar, kontenitur jew tisrir tiegħu, jew fuq tikketta imwaħħla miegħu, għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa u t-tikketta għandu, mill-inqas, ikun fiha dan it-taghrif li ġej:

(a) indikazzjoni tad-data ta' durabilita' minima ;

(b) indikazzjoni ta' l-itwal perjodu li matulu jkun sew li l-ikel jibqa' maħżun;

(ċ) it-temperatura li fiha l-ikel għandu jiġi maħżun;

(d) avviż li jkun jindika li l-ikel iffriżat malajr ma għandux jerġa' jiġi ffriżat mill-ġdid wara li jkun tneżżel mil-iffriżar jew avviż ieħor bħal dak.

Iżda l-użu tal-kliem 'tiffriżax mill-ġdid wara li tkun niżżiltu mil-iffriżar' għandu jitqies li jkun adatt;

(e) riferenza li tidentifika il-baċċ li jkun jappartjeni għalih;

(f) l-isem u l-indirizz tal-manifattur jew ta' min jippakkjah, jew ta' bejjiegh stabbilit f'Malta.

Iżda l-indirizz fuq it-tikketta għandu jkun kopja sħiħa u preċiża ta' l-indirizz kif ikun reġistrat ma' l-awtorità tas-saħħa skond l-artikolu 11 ta' l-Att; u

(ġ) il-kliem "iffriżat malajr", "quick-frozen" jew "surgelato".

Obbligazzjoni tal-manifattur.

10. Min ikun responsabbli għal xi negozju fl-ikel skond kif stabbilit fl-Att li jkun jirrigwarda ikel iffriżat malajr għandu:

(a) jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti jiġu mħarsa f'kull waqt;

(b) jiżgura li t-tagħmir użat fil-mess jew xort'oħra f'dak li għandu x'jaqsam ma' ikel iffriżat malajr ikun adatt għall-għan maħsub u jkun jgħin biex tiġi żgurata konformita' ma' dawn ir-regolamenti u mad-disposizzjonijiet ta' l-Att;

(ċ) jadotta dawk il-metodi ta' ħidma adatti li jkunu jiżguraw is-sigurtà ta' ikel iffriżat malajr. Għal dak l-għan, il-konformità ma' kull gwida ppubblikata, approvata jew rikonoxxuta mill-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel skond il-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, għandha titqies, daqstant kemm ikun provdut fil-gwida, bħala li tikkostitwixxi metodi ta' thaddim adatti li huma għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa;

(d) jiżgura li kull mezz ta' ħżin jew trasport użat minnu fir-rigward ta' ikel iffriżat malajr għandu jkun tali, u għandu jsegwi proċeduri ta' xogħol, li jiżgura l-ħżin u t-trasport kif imiss ta' dak l-ikel, għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa.

Iżda għal dak l-għan, il-konformità ma' kull gwida ppubblikata, approvata jew rikonoxxuta mill-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel skond il-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, għandha titqies, daqstant kemm ikun provdut fil-gwida, bħala li tikkostitwixxi metodi ta' thaddim adatti għal-kejl jew sorveljanza tat-temperatura li huma għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa;

(e) jiżgura li kull mezz ta' ħżin jew trasport użat minnu fir-rigward ta' dak l-ikel, ikun, f'kull stadju li matulu dak l-ikel ikun qiegħed għandu u taħt il-kontroll tiegħu, mgħammar b'istrument għall-kejl jew sorveljanza tat-temperatura ta' l-arja u li hu għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa u li jkun iħares il-ħtiġiet applikabbli stipulati fir-regolament 11 ta' dawn ir-Regolamenti;

(f) f'intervalli frekwenti u regolari, għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità tas-saħħa, jirreġistra jew jiżgura li ssir ir-reġistrazzjoni, permezz ta' l-istrument imsemmi fil-paragrafu (e) hawn qabel, tat-temperaturi ta' l-arja li dak l-ikel ikun qiegħed jiġi espost għalihom matul il-ħżin jew it-trasport tiegħu.

Iżda kull reġistrazzjoni għandu jkollha magħha d-data u l-ħin ta' meta tkun tkejjlet it-temperatura u dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom jinżammu minn min ikun responsabbli għal żmien sena kalendarja jew għal kull żmien ieħor li jista' jiġi stabbilit u notifikat fil-Gazzetta mill-awtorità tas-saħħa.

Ħtiġiet speċifiċi għal strumenti għal-kejl jew is-sorveljanza tat-temperatura.

11. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolament 10 ta' dawn ir-Regolamenti, l-istrument li jintuża għal-kejl jew is-sorveljar tat-temperatura għandu jkun iħares dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) fir-rigward ta' mezzi ta' ħżin jew trasport li ma jkunux dawk speċifikati fil-paragrafi (b), (ċ), (d), (e), jew (f) hawn isfel, l-istrument għal-kejl jew is-sorveljar tat-temperatura, hawn iżjed wara f'dan ir regolament msejjaħ "l-istrument", għandu jkollu l-kapaċità` li jkejjel jew jissorvelja t-temperaturi ta' l-arja fejn isir il-ħżin f'intervalli frekwenti u regolari, għas-sodisfazzjon ta' l-awtorita` tas-saħħa, f'dak il-mezz ta' ħżin jew trasport;

(b) fir-rigward ta' ħżin f'maħzen kiesaħ li jkollu kapaċita' ta' inqas minn 10 metri kubi ġo fond użat għall-bejgħ bl-imnut ta' ikel iffriżat malajr, l-istrument għandu jkun termometru li jiġi hekk mqiegħed li jkun jidher u jinqara faċilment;

(ċ) fir-rigward ta' ħżin f'armarju għall-wiri ta' prodotti bl-imnut, li ma jkunx armarju għall-wiri ta' prodotti bl-imnut miftuħ, l-istrument għandu jkun termometru wieħed jew aktar li jitqiegħed

b'tali mod li jkun jidher u jinqara faċilment minn min ikun responsabbli, impjegat jew uffiċjal awtorizzat;

(d) fir-rigward ta' ħżin f'armarju għall-wiri ta' prodotti bl-imnut miftuħ, l-istrument għandu jkun termometru wieħed jew aktar li jitqiegħed b'tali mod li jkun jidher u jinqara faċilment minn min ikun responsabbli, impjegat jew uffiċjal awtorizzat.

Iżda l-istrument għandu jkun jindika t-temperatura fuq in-naħa mnejn terġa' lura l-arja fil-livell ta' l-ogħla linja safejn jistgħu jitgħabbew il-prodotti, li jkun immarkat b'mod li jidher sew, għal dak l-armarju;

(e) fir-rigward ta' mezzi tat-trasport li ma jkunux mezz ta' trasport li qiegħed jiġi wżati biss għal distribuzzjoni lokali, l-istrument għandu jkun sistema għas-sorveljar ta' temperaturi ta' l-arja li -

(i) ikollu preċiżjoni ta' ±1°C meta s-*sensor* tiegħu ikun qed ikejjel temperatura fil-medda bejn –20°C u +30°C;

(ii) ikollu preċiżjoni ta' kejl li ma tvarjax aktar minn ±0.5°C 'il fuq jew 'l isfel meta dan ikun qed jiffunżjona f'temperaturi fil-medda bejn –20°C u +30°C;

(iii) ikollu riżoluzzjoni ta' wiri ta' mhux aktar minn 1°C, u

(iv) ikun robust u li jiflaħ għal lis-skossi;

(f) fir-rigward ta' mezz tat-trasport li jkun qed jintuża biss għal distribuzzjoni lokali, l-istrument għandu jkun termometru wieħed jew aktar li jitqiegħed b'tali mod li jkun jidher u jinqara faċilment minn min ikun responsabbli, impjegat jew uffiċjal awtorizzat.

Verifika ta' reġistrazzjonijiet ta' temperatura.

12. Meta, wara li jkun għamel spezzjoni, uffiċjal awtorizzat ikollu dubbji ragonevoli biex jemmen li t-temperatura li tkun qegħda tinżamm jew li tkun ġiet miżmuma, fir-rigward ta' xi ikel iffriżat malajr, ma tkunx temperatura preskritta għal dak l-ikel f'dawn ir-Regolamenti, huwa għandu jerġa jispezzjona dak l-ikel iffriżat malajr u dik it-temperatura skond id-disposizzjonijiet ta' l-Iskedi 1 u 2 li jinsabu ma' dawn ir-Regolamenti.

Skeda 1

Regolament 12

PROCEDURA GĦAT-TEĦID TA' KAMPJUNI TA' IKEL IFFRIŻAT MALAJR MAĦSUB GĦALL-KONSUM TAL-BNIEDEM

Skop u applikabilità

1. Din l-Iskeda tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita minn persuni li jkunu qedgħdin jieħdu kampjuni ta' ikel iffriżat malajr fi stadji diversi fil-proċess ta' l-ikel.

Għażla ta' pakketti għal spezzjon

2. (1) It-tip u l-kwantità ta' pakketti magħżulin bħala kampjun għandu jkun tali li t-temperatura tagħhom tkun rappreżentattiva ta' l-aktar postijiet sħan tal-kunsinna spezzjonata u skond id-disposizzjonijiet li jsegwu.

(2) Il-kampjuni għandhom jiġu magħżulin minn diversi postijiet kritiċi fil-maħżen kiesaħ, bħalma huma dawk ħdejn il-bibien (livelli ta' fuq u iktar baxxi), viċin in-nofs tal-maħżen kiesaħ (livelli ta' fuq u iktar baxxi), u viċin mnejn terġa' lura l-arja fl-unità tat-tkessiħ. Għandu jitqies għal kemm żmien idum il-ħżin tal-prodotti għar-rigward ta' l-istabilizzazzjoni tat-temperatura.

Trasport

3. Meta jkun meħtieġ li jintgħażlu kampjuni li jkunu qegħdin jinġarru jew jinħattu, dawn għandhom jintgħażlu kif ġej:

(a) kampjuni li jittieħdu matul it-trasport, għandhom jintgħażlu mil-livell ta' fuq u mil-livell ta' isfel tal-kunsinna maġenb il-fetħa ta' kull bieba jew bibien;

(b) kampjuni li jittieħdu matul il-ħatt, għandhom jintgħażlu erba' kampjuni minn fost il-postijiet kritiċi li ġejjin:

(i) mil-livell ta' fuq u mil-livell ta' isfel tal-kunsinna maġenb il-fetħa tal-bibien;

(ii) mill-kantunieri fuq wara fil-livell ta' fuq tal-kunsinna, f'post kemm jista' jkun 'il bogħod mill-apparat ta' refriġerazzjoni daqskemm ikun possibbli;

(iii) minn madwar in-nofs tal-kunsinna;

(iv) minn madwar in-nofs tal-wiċċ fuq quddiem tal-kunsinna, kemm jista' jkun viċin ta' l-apparat ta' refriġerazzjoni daqskemm ikun possibbli;

(v) mil-livell ta' fuq u mil-livell ta' isfel tal-kantunieri tal-wiċċ fuq quddiem tal-kunsinna, kemm jista' jkun viċin mnejn terġa' lura l-arja lejn l-apparat ta' refriġerazzjoni daqskemm ikun possibbli.

Armarji għall-wiri ta' prodotti bl-imnut

(4) Kampjun għandu jkun magħżul għall-ittestjar minn kull wieħed minn tliet postijiet li jkunu rappreżentattivi ta' l-aktar postijiet sħan ġol-armarju li jintuża għall-wiri ta' prodotti bl-imnut.

Skeda 2

Regolament 12

METODU TA' KEJL TAT-TEMPERATURA TA' IKEL IFFRIŻAT MALAJR MAĦSUB GĦALL-KONSUM TAL-BNIEDEM

Skop u applikabilità.

1. Din l-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita meta tkun qegħda titkejjel it-temperatura ta' kampjuni ta' ikel iffriżat malajr li jkun maħsub għall-konsum tal-bniedem sabiex jiġi stabbilit li l-ikel iffriżat malajr, wara l-istabbilizzazzjoni termali, għandu jinżamm, f'kull waqt, f'temperatura ta' –18°C jew iżjed kiesħa bi fluttwazzjonijiet għal żmien qasir li m'humiex aktar mill-limiti speċifikati f'dawn ir-Regolamenti.

Prinċipju.

2. Il-kejl tat-temperatura ta' ikel iffriżat malajr jikkonsisti f'li tiġi reġistrata b'mod preċiż it-temperatura ta' kampjun magħżul skond Skeda 1 ta' dawn ir-Regolamenti permezz ta' tagħmir adatt.

Apparat.

3. Għandu jintuża apparat ta' kejl termometriku sabiex jittieħed il-kejl tat-temperatura u bil-għan li jittieħed il-kejl bħal dak, jista' jintuża strument metalliku bil-ponta bħal *ice punch*, *driller* ta' l-id jew fi sfisell li jista' jitnaddaf faċilment, sabiex tiġi faċilitata l-penetrazzjoni ta' l-apparat ta' kejl termometriku fil-kampjun ta' l-ikel.

Speċifikazzjoni ġenerali għal strumenti ta' kejl tat-temperatura.

4. L-istrumenti ta' kejl għandu jkollhom dawn l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) iż-żmien ta' respons għandu jikseb 90 % mid-differenza bejn il-qari tal-bidu u dak finali fi żmien tliet minuti;

(b) l-istrument għandu jkollu preċiżjoni ta' 0.5° C 'il fuq jew 'l isfel fil-medda ta' kejl bejn –20°C u +30°C;

(ċ) il-preċiżjoni ta' kejl ma għandhiex tinbidel b'aktar minn 0.3°C meta jkunu qegħdin jaħdmu f'temperatura ta' l-ambjent fil-medda ta' bejn –20°C u +30°C;

(d) ir-riżoluzzjoni ta' wiri ta' l-istrumenti għandha tkun ta' 0.1°C;

(e) il-preċiżjoni ta' l-istrument għandha tiġi verifikata f'intervalli regolari u, meta jkun japplika, skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur f'dan ir-rigward;

(f) l-istrument għandu jkollu ċertifikat ta' kalibrazzjoni korrenti maħruġ mill-awtorità kompetenti jew minn korp ta' validament rikonoxxut bħala tali f'Malta;

(ġ) l-istrument ta' teħid tat-temperatura għandu jkun wieħed li jista' jiġi mnaddaf faċilment;

(g) il-parti sensittiva għat-temperatura ta' l-apparat ta' kejl għandha tkun ħekk imfassla li tiżgura kuntatt termali tajjeb mal-prodott;

(h) it-tagħmir elettriku għandu jkun protett kontra effetti mhux mixtieqa dovuti għall-kondensazzjoni tal-fwar.

Proċedura għall-kejl.

5. (1) Il-kejl tat-temperatura ta' l-ikel għandu jsir bil-mod kif inhu stabbilit hawn taħt:

Tkessiħ minn qabel ta' l-istrumenti.

(2) It-tagħmir ta' kejl tat-temperatura u l-istrument ta' penetrazzjoni fil-prodott għandhom jiġu mkessħin qabel ma jittieħed il-kejl tat-temperatura tal-prodott u l-metodu ta' tkessiħ minn qabel li jintuża għandu jiżgura li ż-żewġ strumenti jiġu kemm jista' jkun ekwilibrati viċin it-temperatura tal-prodott daqskemm ikun possibbli.

It-tħejjija ta' kampjuni għal-kejl tat-temperatura.

(3) Meta t-tagħmir ta' kejl tat-temperatura ma jkunx ġeneralment imfassal biex jippenetra prodott iffriżat malajr, tista' ssir toqba fil-prodott li minnha jiddaħħal it-tagħmir billi jintuża l-istrument ta' penetrazzjoni fil-prodott li jkun ġie mkessaħ minn qabel. Id-djametru tat-toqba għandu jkun kważi dejjaq daqs dak it-tagħmir, u l-fond tiegħu għandu jkun jiddependi fuq it-tip ta' prodott skond is-subparagrafu (4) ta' dan il-paragrafu.

Il-kejl tat-temperatura ta' prodott.

(4) Il-preparat tal-kampjun u l-kejl tat-temperatura tiegħu għandhom isiru fil-waqt li l-kampjun jibqa' fl-ambjent refriġerat magħżul. Il-kejl għandu jsir kif ġej:

(a) meta l-qisien tal-prodott ikunu ħekk jippermettu, it-tagħmir imkessaħ minn qabel għandu jiddaħħal f'fond ta' 2.5 ċm mill-wiċċ tal-prodott; jew

(b) meta dan ma jkunx possibbli li jsir, it-tagħmir għandu jiddaħħal f'fond minimu mill-wiċċ ta' bejn tlieta u erba' darbiet id-djametru tat-tagħmir; jew

(ċ) meta xi prodott ta' l-ikel, minħabba fid-daqs jew kompożizzjoni tiegħu ma jkunx jista' jiġi ddrilljat biex jiġi stabbilit xi tkun it-temperatura interna tiegħu, it-temperatura interna tal-pakkett ta' l-ikel għandha tiġi stabbilita billi jiddaħħal tagħmir adatt b'ponta msienna u mkessaħ minn qabel ġol-qalba tal-pakketti biex hekk titkejjel it-temperatura f'kuntatt ma' l-ikel; u

(d) f'kull każ, it-temperatura għandha tinqara u tiġi reġistrata biss meta din tkun laħqet valur stabbli.

Tifsira ta' temperatura

6. Għall-fini ta' din l-Iskeda, 'temperatura' tfisser it-temperatura mkejla fil-post speċifiku mill-parti sensittiva għat-temperatura ta' l-istrument jew apparat ta' kejl li jintuża.